***Ruling* mogħti mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, fis-Seduta 533 tat-12 ta' Jannar 2022 dwar ilment ta' ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Onor. David Thake b'diskors li ntqal fil-Kamra mill-Onor. Clayton Bartolo**

Fis-Seduta 532 tal-bieraħ, 11 ta' Jannar 2022, fil-ħin tal-mozzjonijiet, l-Onor. David Thake talab hekk:

> "**ONOR. DAVID THAKE:** Sur President, ftit minuti ilu għaddewli t-*transcript* tad-diskors li għamel ilbieraħ fil-Parlament il-Ministru Clayton Bartolo. Jien qrajtu u nixtieq inqajjem każ ta' ksur ta' privileġġ għaliex, filwaqt li f'din il-Kamra kulħadd għandu dritt li jesprimi opinjoni, naħseb li l-verità għandha tirrenja.
>
> Il-Ministru għamel diversi *statements* li mhumiex korretti jew kompletament foloz. Jgħid, pereżempju:
>
> > "Jien nitbissem meta nara fuq din l-iskema ..."
>
> – kien qed jitkellem fuq l-iskema dwar bejgħ ta' proprjetà biex jitħallsu taxxi lill-Gvern –
>
> > "... għax għandna saħansitra Membru Parlamentari hawnhekk f'din il-Kamra li qed jgħid li għandu bżonn jagħmel użu minn din l-iskema. Fil-fatt, Sur President, nikkwota hawnhekk l-artiklu tal-*MaltaToday* tat-30 ta' Diċembru 2021, fejn jgħidu: "PN MP David Thake ...""
>
> u jkompli. Imbagħad tista' taqra t-*transcript.*
>
> Sur President, jien imkien ma tlabt biex nuża l-iskema li l-Oppożizzjoni qed topponi. Dak huwa l-ewwel argument.
>
> It-tieni punt, Sur President, huwa li apparti l-fatt li mid-dehra l-Gvern issa qed juża d-Dipartiment tat-Taxxi biex jikxef stejjer fuq min irid jeħles minnu, issa mid-dehra l-Ministru Bartolo qed jiddeċiedi min jista' u min ma jistax japplika għall-COVID-19 Tax Deferral Scheme u qed jgħid li, għal raġunijiet li qed isemmi l-Ministru Bartolo, il-kumpaniji tiegħi mhumiex eliġibbli għax għandhom taxxi pendenti. Anke hawn, Sur President, il-Ministru Bartolo mhuwiex korrett, qed jipprova jiżvija l-Kamra u kiser il-privileġġi tiegħi bħala Membru Parlamentari. Grazzi.".

Hawnhekk is-Sedja wieġbet:

> "**L-ISPEAKER**: X'qed titlob, jekk jogħġbok, Onor. David Thake.".

L-Onor. David Thake wieġeb:

> "**ONOR. DAVID THAKE**: Jien qed nitlob deċiżjoni mingħandek, mingħand is-Sedja, dwar dan id-diskors li għamel u tiddikjara jekk il-Ministru huwiex ħati jew le ta' ksur ta' privileġġ.".

Is-Sedja rat it-traskrizzjoni tad-diskors li għamel il-Ministru Clayton Bartolo fis-Seduta 531 tal-10 ta' Jannar, meta l-Kamra kienet qiegħda tiddiskuti mozzjoni mressqa mill-Oppożizzjoni

għat-tħassir, ir-revoka u l-annullament tar-Regoli tal-2021 dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Trasferimenti ta' Proprjetà (Tpaċija ta' Arretrati ta' Taxxa) - Avviż Legali 419 tal-2021, fejn il-parti li jidher li qed jagħmel referenza għaliha l-Onor. David Thake hija din:

> "**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Jien nitbissem meta nara fuq din l-iskema għax għandna saħansitra Membru Parlamentari hawnhekk f'din il-Kamra li qed jgħid li għandu bżonn jagħmel użu minn din l-iskema. Fil-fatt, Sur President, nikkwota hawnhekk l-artiklu tal-*MaltaToday* tat-30 ta' Diċembru, 2021 fejn jgħidulna "*PN MP David Thake's telecoms firm owes €270,000 in VAT most of which goes back years*" u hawnhekk komplejna nisimgħu kif din il-kumpanija tal-Onor. David Thake, li huwa *sole shareholder* fiha u anke direttur, qed naraw kif din il-kumpanija għandha tagħti lid-Dipartiment tal-VAT €270,000 f'VAT, li filwaqt li hu qal li dawn huma kollha kemm huma parti mill-COVID-19 Tax Deferral Scheme, milli jidher hawnhekk skont dan l-artiklu €175,000 minnhom imorru lura għal numru ta' snin u l-bqija huma parti mill-COVID-19 Tax Deferral Scheme.
>
> Jiġifieri hawnhekk aħna qegħdin naraw li l-Onor. Thake se jipprova jagħmel użu minn din l-iskema tal-*tax deferrals*. X'ġara mbagħad? Ftit tal-ħin wara l-Onor. Thake talab lill-Kummissarju għall-Istandards biex jinvestigah dwar dan il-kont tal-VAT u ħareġ jaqbeż għalih imbagħad id-Deputat Kap tal-Partit Nazzjonalista, fejn qal li l-Onor. David Thake m'hemmx għalfejn jirriżenja sakemm ma ssir din l-investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards. Fil-verità tan-naħa l-oħra tal-Kamra kienu riedu li jkun hawn min jirreżenja fuq allegazzjoni mhux fuq ammissjoni.".

Fl-istess talba lis-Sedja biex tara jekk hemmx ksur ta' privileġġ fil-konfront tal-Ministru Clayton Bartolo, l-Onor. David Thake għamel referenza wkoll għal parti oħra mid-diskors tal-Ministru Clayton Bartolo fis-Seduta tal-10 ta' Jannar, u nikkwota:

> "**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Iżda mbagħad, Sur President, joħroġ artiklu ieħor fid-9 ta' Jannar, 2022 li qed naraw kif kumpanija oħra tal-Onor. Thake mhux biss ma ffajljatx *accounts* għal għaxar snin sħaħ, iżda għandha tagħti mal-€550,000 oħra f'VAT. U allura dan ifisser, Sur President, li qegħdin naqbżu hawnhekk it-€800,000 f'VAT li wieħed għandu xi jħallas. U hawnhekk l-istess l-Onor.Thake qalilna li din hija wkoll parti mill-COVID-19 Tax Deferral Scheme meta fil-verità l-ebda kumpanija minn dawn ma tista' tieħu l-għajnuna ta' dawn l-iskemi. Sal-lum dawn iż-żewġ kumpaniji ma jistgħux jibbenefikaw mill-COVID-19 Tax Deferral Scheme.".

Is-Sedja tagħmel referenza għal dak li jgħid l-Ordni Permanenti 36 dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita meta jitqajjem ksur ta' privileġġ, li jgħid hekk:

> "36. Mozzjoni dwar kwistjoni ta' privileġġ li tinqala' waqt is-seduti tal-Kamra għandha dritt għall-preċedenza fuq kull xogħol ieħor.
>
> Mozzjoni dwar kwistjoni ta' privileġġ li ma tkunx inqalgħet waqt is-seduta tal-Kamra għandha ssir mal-ewwel opportunità u tista' ssir qabel il-bidu ta' xogħol pubbliku.".

Peress illi d-diskors tal-Onor. Clayton Bartolo li tqajjem il-każ dwaru sar fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2022, jiġifieri fis-seduta ta' nhar it-Tnejn li għadda, l-ewwel opportunità sabiex jitqajjem l-ilment ta' ksur ta' privileġġ kien proprju f'dik is-seduta stess tal-10 ta' Jannar.

Din il-kundizzjoni tal-ewwel opportunità ġiet applikata f'diversi *rulings* li tat is-Sedja, fosthom ir-*ruling* mogħti fis-Seduta 268 tat-28 ta' Ottubru 2019, dwar talba għal ksur ta' privileġġ magħmula mill-Ministru Julia Farrugia Portelli dwar *post* fuq Facebook, is-Sedja kienet qalet:

> "Wara li qieset dan kollu, is-Sedja ttenni illi peress li l-ilment dwar ksur ta' privileġġ ma tqajjimx fl-ewwel opportunità kif spjegat aktar kmieni, tiddeċiedi li m'hemmx każ ta' *prima facie* ksur ta' privileġġ.".

F'*ruling* ieħor li tat is-Sedja fis-Seduta 436 tat-2 ta' Marzu 2021 dwar ilment ta' ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Onor. Robert Cutajar, is-Sedja kienet qalet:

> "Peress illi s-Sedja tinnota illi l-kwestjoni li qed jagħmel referenza għaliha l-Onor. Robert Cutajar tqajmet fis-seduta tal-ġurnata ta' qabel, ċjoè tat-2 ta' Marzu 2021, il-mozzjoni dwar ksur ta' privileġġ kellha titqajjem f'dik is-seduta stess. Għaldaqstant is-Sedja mhux se tilqa' din il-mozzjoni dwar jekk hemmx *prima facie* każ ta' ksur ta' privileġġ fil-konfront tad-Deputat Prim Ministru l-Onor. Chris Fearne.".

Din il-proċedura hija kkonfermata wkoll f'*ruling* ieħor li tat is-Sedja fis-Seduta 446 tat-12 ta' April 2021, dwar ilment ta' ksur ta' privileġġ imqajjem fl-24 ta' Marzu 2021 mill-Onor. Adrian Delia, fejn is-Sedja kienet laqgħet it-talba biex tinvestiga jekk hemmx ksur ta' privileġġ fil-konfront tas-Segretarju Parlamentari Alex Muscat peress li s-Sedja nnotat li l-ilment imqajjem mill-Onor. Adrian Delia:

> "jikkonċerna dak li qal l-Onor. Alex Muscat fis-seduta ta' dakinhar stess – l-24 ta' Marzu – u allura l-ilment tqajjem skont dak li jistabbilixxi l-Ordni Permanenti 36.".

Għalhekk, fil-każ inkwestjoni, is-Sedja tiddeċiedi illi peress illi l-ilment mill-Onor. David Thake ma tqajjimx fis-seduta tal-10 ta' Jannar stess, is-Sedja ma tistax tikkonsidra u tinvestiga jekk hemmx *prima facie* jew le ksur ta' privileġġ mill-Ministru Clayton Bartolo fil-konfront tal-Onor. David Thake.

Ir-*ruling* huwa deċiż.